31976L0907

30.12.1976 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 360/1

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI

ta' l-14 ta' Lulju 1976

li taddatta għal progress tekniku d-Direttiva tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 1967 rigward l-approssimazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkettjar ta'sustanzi perikoluż

(76/907/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunita Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tas-27 ta' Ġunju 1967 rigward l-approssimazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkettjar ta'sustanzi perikoluż [1], kif l-aħħar emendat bid-Direttiva ta' l-24 ta' Ġunju 1975 [2], u b' mod partikolari l-Artikoli 8a, 8b u 8ċ miġjuba fih,

Billi l-Anness I mad-Direttiva tas-27 ta' Ġunju 1967 li fih lista ta' sustanzi perikoluż klassifikati skond in-numru atomiku ta' l-element li huma l-aktar karatteristiku tal-karatteristiċi tagħhom; flimkien mal-metodi għall-ittikkettjar ta' kull sustanza (simbolu, indikazzjoni tar-riskji u parir ta' sigurtà);

Billi eżami tal-lista ta' sustanzi perikoluż wera li jeħtieġ li tiġi addattata fid-dawl ta' tagħrif xjentifiku u tekniku; Billi numru konsiderevoli ta' sustanzi perikoluż ġodda inħareġ fis-suq f'dawn l-aħħar snin;

Billi huwa għalhekk prudenti li l-Anness jinbidel b'L-Anness I ġdid;

Billi l-Annessi III u IV mad-Direttiva tas-27 ta' Ġunju 1967 li fihom indikazzjonijiet tar-riskji speċjali (frażijiet R) u parir ta' sigurtà (frażijiet S), li rriżultaw numeruži wisq biex jintwerew fuq it-tikketta; Billi huwa għalhekk meħtieġ li jitnaqqas in-numru tagħhom mingħajr ma titnaqqas l-effettività u l-għan prinċipali tal-ittikkettjar; Billi f'dawn iċ-ċirkostanzi huwa prudenti li jinbidlu dawk l-annessi b'L-Annessi ġodda III u IV;

Billi, sabiex it-tikketta ma tkunx mgħobbija żżejjed b'kitbiet, dispożizzjoni għandha ssir għall-possibilta' li jingħaqdu frażijiet R u S;

Billi d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva huma b'mod konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat għall-Addattament għall-Progress Tekniku tad-Direttivi dwar it-Tneħħija ta' Ostakoli Tekniċi għall-Kummerċ f'Sustanzi u Preparazzjonijiet Perikoluži,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

L-Artikolu 1

L-Annessi I, III u IV tad-Direttiva tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 1967 rigward l-approssimazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkettjar ta'sustanzi perikoluži, għandhom jiġu mibdula bl-Annessi ma' din id-Direttiva.

[1] ĠU C 196, tas-16.8.1967, p. 1.
[2] ĠU C 183, ta' l-14.7.1975, p. 22.

L-Artikolu 2

Qabel l-1 ta' Mejju 1977, l-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw id-dispożizzjonijiet meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva u għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni ta' dan minnufih. Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 1977.

L-Artikolu 3

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fl-14 ta' Lulju 1976.

Għall-Kummissjoni

Finn GUNDELACH

Membru tal-Kummissjoni

L-Anness I

Lista tas-sustanzi perikoluży kklassifikati skond in-numru atomiku ta' l-element l-aktar karatteristiku tal-proprjetajiet tagħhom.

Dan l-Anness mhuwiex riprodott minħabba li ġie mibdul bid-Direttiva 1993/72/KE, GU L 258, tas-16.10.1993.

L-Anness III

Natura tar-riskji partikolari marbuta mas-sustanzi perikoluży.

Dan l-Anness mhuwiex riprodott minħabba li ġie mibdul bid-Direttiva 2001/59/KE GU L 225, 08.06.2001.

L-Anness IV

Pariri ta' sigurtà dwar is-sustanzi perikoluży.

Dan l-Anness mhuwiex riprodott minħabba li ġie mibdul bid-Direttiva 2001/59/KE GU L 225, 08.06.2001.
